**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta' Novembru 2024**

**Rikors Numru 3/2024**

**Seven Group Malta Ltd (C-97102)**

**Vs**

**L-Awtorita` għat-Trasport f'Malta magħruf ukoll bħala Trasport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Seven Group Malta Ltd.** datat 19 ta' Jannar 2024 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. *Illi s-socjeta' attrici giet inkorporata f'Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) specifikatament ghas-skopijiet ta' "The provision of Rentable e-kickscooters within Malta" entro t-termini tar-Regolamenti dwar il-Mikromobilità (L.S. 499.67 tal-Ligijiet ta' Malta)*

2. *Illi wara li giet inkorporata, is-socjeta' esponenti xtrat numru sostanzjali ta' e-kickscooters tat-tip "BirdOne │Germany Model" li ghandhom velocita' massima li ma teccedix l-ghoxrin kilometru fis-siegha (20 km/h) u bl-ispecifications l-ohra li jidhru fl-hawn anness dokument li hu mmarkat bhala* ***Dokument A****, u li bihom is-socjeta' esponenti qed topera servizz ta' e-kickscooter sharing b'cirkolazzjoni libera, u dana permezz servizz ta' kiri ta' e-kickscooters fejn il-kerrej, permezz ta' app tal-mowbajl, ikun jista' jikri minn kwalsijasi post fit-toroq, ghalhekk fil-karreggjati, bankini, tarf tat-toroq, u kull infrastruttura ta' pont, e-kickscooter licenzjat taht licenzja ta' operatur ta' dan it-tip ta' servizz entro t-termini tar-Regolamenti dwar il-Mikromobilità;*

3. *Illi ghalkemm ghas-snin li ghaddew, Transport Malta b'effett mid-disgha (9) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) dejjem harget, a favur tas-socjeta' attrici, licenzja sabiex l-istess socjeta' attrici topera servizz ta' kiri ta' e-kickscooters skond ir-Regolamenti tal-2019 dwar il-Mikromobilita' (L.S. 499.67), ghall-perjodu ta' sena, kull sena tiskadi fit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena relattiva, cioe' ta' tnax (12)-il xahar kull darba (bhal wara kollox hijza*

*l-uzanza fir-rigward ta' kull licenzja li tinharreg fuq bazi annwali), meta fl-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena kurrenti elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) Roberto Antonio Pestana De Faria ghas-socjeta' attrici mar fl-edifizju ta' Transport Malta biex iggedded tali licenzja qabel is-skadenza taghha, Transport Malta minghajr raguni valida fil-ligi u bl-aktar mod vessatorju rrifjutat li ggedded l-istess licenzja;*

4. *Illi kien biss wara, senjatament fil-jum tas-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena kurrenti elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), meta l-istess Roberto Antonio Pestana De Faria ghas-socjeta' attrici rega' mar fl-edifizju ta' Transport Malta biex iggedded tali licenzja qabel is-skadenza taghha, l-istess Awtorita' ghalkemm regghet irrifjutat illi tohrog il-licenzja relattiva a favur tas-socjeta' esponenti ghal sena ohra skond il-Ligi, din id-darba harget tali licenzja a favur tas-socjeta' esponenti izda b'validita' biss sal-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024), u dan kif jirrizulta mil-ircievuta relattiva hawn esibita li tigi mmarkata bhala* ***Dokument B*** *u mill-licenzja relattiva hawn esibita li tigi mmarkata bhala* ***Dokument C****. Dan kollu huwa mertu ta' kawza ohra (Rikors numru 139/23 CG) li tinsab pendenti quddiem dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;*

5. *Illi kif inghad, is-socjeta' esponenti is-socjeta' esponenti qed topera servizz ta' e-kickscooter sharing b'cirkolazzjoni libera, u dana permezz servizz ta' kiri ta' e-kickscooters fejn il-kerrej, permezz ta' app tal-mowbajl, ikun jista' jikri minn kwalsijasi post fit-toroq, ghalhekk fil-karreggjati, bankini, tarf tat-toroq, u kull infrastruttura ta' pont, e-kickscooter licenzjat taht licenzja ta' operatur ta' dan it-tip ta' servizz entro t-termini tar-Regolamenti dwar il-Mikromobilità.*

6. *Illi skond l-artikolu 3 tar-Regolamenti tal-2019 dwar il-Mikromobilita' (L.S. 499.67) il-kickscooters għandhom jiġu reġistrati u liċenzjati mill-Awtorità (artikolu 3(1) tal- L.S. 499.67) u "il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni annwali għandha tkun f'forma ta' hologram stickerli għandha titwaħħal fuq l-e-kickscooter f'post prominenti skond l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Awtorità" (ara artikolu 3(6) tal- L.S. 499.67).*

7. *Gara pero' li ghar-rigward numru sostanzjali ta' dawn l- e-kickscooters , senjatament ta' dawk imsemmija fl-hawn anness skeda immarkata bhala* ***Dokument D****, l-imsemmija "liċenzja ta' ċirkolazzjoni annwali" li tohrog l Transport Malta taghhom skadew inutilment fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), u ma gewx renovati ghall-perjodu sussegwenti, u dana ghal ragunijiet imputabbli biss lill-istess Transport Malta, u dana ghalkemm l-istess Transport Malta kienet giet debitament interpellata kemm-il darba (hekk kif jixhed l-hawn anness sensiela ta' emails li komplessivament qed jigi mmarkat bhala* ***Dokument E****);*

8. *Illi s-socjeta' attrici thoss ruhha aggravata bid-decizjoni u bl-agir precitati talli Transport Malta ma hargitx u/jew ma ppermettietx il-hrug ossia tigdid tal-"liċenzja ta' ċirkolazzjoni" ghar-rigward ta' dak in-numru sostanzjali ta' dawn l- e-kickscooters li huma ta' pertinenza tas-socjeta' attrici, senjatament ta' dawk imsemmija fl-hawn anness skeda immarkata bhala* ***Dokument D****, sabiex tali e-kickscooters jkunu setghu jintuzaw mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024), liema decizjoni u agir huma malizzjuzi, frivoli, vessatorji, nulli u minghajr ebda effett fil-ligi, ma humiex ekwi u gusti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jikkkonformawx mal-ligi u mal-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk qed tinterponi umli appell mill-istess, u dana ghas-segwenti ragunijiet:*

    a. *L-ewwel u qabel kollox ghandu jinghad illi l-imsemmija decizjoni u agir leziv li l-effett taghhom beda jinhass fl-ewwel minuti tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena*

*kurrenti (2024) huma lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kif protetti mill-artikolu 6 tal-Ewwel skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana peress illi tali decizjoni u agir ttiehdu mill-istess Transport Malta minghajr ma s-socjeta' esponenti kellha dritt ghal smigh xieraq, cioe' minn tribunal jew qorti indipendenti li setghet u li kienet qed tosserva l-principji legali bazilari ta' "nemo iudex in causa propria";*

b. *Illi di piu' l-imsemmija decizjoni u agir leziv li l-effett taghhom beda jinhass fl-ewwel minuti tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024) huma malizzjuzi, frivoli, vessatorji, ma humiex ekwi u gusti u ma tikkonformawx ruhhom mal-principji tal-gustizzja naturali;*

c. *Illi f'kwalunkwe kaz ukoll l-imsemmija decizjoni u agir leziv li l-effett taghhom beda jinhass fl-ewwel minuti tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024) ma tikkonformax ruha mal-principji tal-gustizzja naturali in kwantu li s-socjeta' esponenti kienet, skond id-drittijiet funadamentali taghha, intitolata ghal smigh xieraq entro zmien utli **qabel** ma titiehed decizjoni u l-agir fil-konfront taghha;*

d. *Illi ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi u li ma tiksirx id-drittijiet civili u u drittijiet fundamentali tas-socjeta' esponenti li tintitola lill-Transport Malta sabiex ma ggedditx il-"liċenzja ta' ċirkolazzjoni" ghar-rigward ta' dak in-numru sostanzjali ta' dawn l- e-kickscooters li huma ta' pertinenza tas-socjeta' attrici, senjatament ta' dawk imsemmija fl-hawn anness skeda immarkata bhala **Dokument D**, sabiex tali e-kickscooters jkunu setghu jitkomplew jintuzaw wara l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024);*

*GHALDAQSTANT ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawk li jinghataw fil-mori ta' dawn il-proceduri, u moghtija dawk l-ordnijiet u provvedimenti u dikjarazzjonijiet necessarji u opportuni, is-socjeta' esponenti, filwaqt illi tirreserva li tressaq dawk il-provi kollha permessi mill-ligi u tghamel dawk is-sotomissjonijiet kollha permessi mill-ligi, titlob lil dan it-Tribunal sabiex jirrevoka d-decizjoni u agir precitati tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta li l-effett taghhom beda jinhass fl-ewwel minuti tal-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024) agir peress illi huma malizzjuzi, frivoli, vessatorji, nulli u minghajr ebda effett fil-ligi, ma humiex ekwi u gusti, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jikkkonformawx mal-ligi u mal-principji tal-gustizzja naturali, u minflokk tiddeciedi u tordna lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta maghruf ukoll bhala Transport Malta sabiex tohrog u tiggedded il-"liċenzja ta' ċirkolazzjoni" ghar-rigward ta' dak in-numru sostanzjali ta' dawn l- e-kickscooters li huma ta' pertinenza tas-socjeta' attrici, senjatament ta' dawk imsemmija fl-hawn anness skeda immarkata bhala **Dokument D** sabiex dawn jistghu jissoktaw jintuzaw wara l-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024).*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fid-29 ta' Jannar 2024 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*1. Illi l-appell interpost mis-soċjeta' appellanti huwa wieħed kompletament infondat kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u anke frivolu u vessatorju u jimmerita li jiġi sommarjament miċħud bl-ispejjez għar-raġunijiet li se jiġu mtennija f'din ir-risposta.*

*2. Illi, in kwantu l-appell huwa msejjes fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti kif protetti bl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Awtorita' rispondenti tirreferi mill-appellant għall-ġurisprudenza paċifika ta' dan l-Onorabbli Tribunal <u>'Eugene Cardona –vs- L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta maghrufa</u>*

*wkoll bhala Transport Malta' (konfermata wkoll mill-Qorti tal-Appell), fosthom is-sentenza fl-ismijiet (Rikors Nru. 127/2013) deciza fil-11 ta' Mejju, 2015 (u sussegwentement konfermat mill-Qorti tal-Appell) li fiha gie michud aggravju simili ta' indoli kostituzzjonali filwaqt li kien ġie enuncjat kif gej:*

*"Illi fir-rikors tal-appell odjern, ir-rikorrent iqajjem numru ta' aggravji, uhud rigwardanti lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tieghu. Illi irid jinghad minnufih illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jippronunzja ruhu fuq kwistjonijiet ta' lezjoni ta' tali drittijiet. Dan huwa certament il-kompetenza ta' forum iehor."*

*Illi għalhekk l-aggravju bbażat fuq allegat leżjoni ta' drittijiet fundamentali għandu jiġi sommarjament miċħud.*

*2. Illi aggravju ieħor imqajjem mill-appellant huwa ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali għaliex huwa ma ngħatax smiegħ xieraq qabel ma l-Awtorita' ħadet id-deċiżjoni li ma ġġeddidx il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni ta' numru ta' e-kickscooters kif kienet qed tippretendi s-soċjeta' appellanti. Għaldarb'oħra dan l-aggravju huwa wieħed kompletament bla bażi, frivolu u vessatorju għaliex huwa bil-wisq ċar u manifest illi l-Awtorita' esponenti mhijiex awtorita' ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja iżda hija* ***r-regolatur*** *u għalhekk id-deċiżjonijiet illi hija tieħu fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-oqsma li hija tirregola bl-applikazzjoni tal-liġijiet viġenti ma jeħtiġux li, qabel jittieħdu, l-Awtorita' tikkonduċi proċess ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju billi tisma' lill-partijiet. Sabiex jiġi assigurat it-tħaddim tajjeb tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali l-leġiżlatur proprju waqqaf it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex kull min iħossu aggravat b'xi deċiżjoni meħuda minn awtorita' li taqa' fil-mansjonijiet tal-Kap. 490 ikun jista' jappella minn tali deċiżjoni quddiem Tribunal indipendenti (b'ħarsien tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali nemo iudex in causa propria) li jiddeċiedi l-każ wara li jisma' liż-żewġ partijiet (b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali audi alteram partem).*

*3. Illi fil-mertu, jiġi rilevat illi l-e-kickscooters in kwistjoni għandhom liċenzja ta' ċirkolazzjoni unikament biex jintużaw taħt l-awtorizzazzjoni ta' operatur biex jinkrew għall-użu fit-triq minn kerrejja terzi, u għalhekk il-pretensjoni tal-estensjoni tal-liċenzja ta' ċirkolazzjoni għal sena illi qed issir mis-soċjeta' appellanti hija pretensjoni li qed issir b'mod malizzjuż u malinn għaliex is-soċjeta' appelanti taf ben tajjeb illi m'għandha assolutament ebda użu għal dawn l-e-kickscooters wara l-31 ta' Marzu, 202, diment illi s-soċjeta' esponenti mhijiex bi ħsiebha li tkompli topera dawn l-e-kickscooters illegalment.*

*4. Illi wkoll it-talba li qed issir mis-soċjeta' appellanti fir-rikors tal-appell taghha kif dedotta mhijiex legalment sostenibbli u t-talba kif dedotta teżorbita mill-parametri tal-kompetenza ta' dan l-Onorabbli Tribunal.*

*5. Illi għalhekk l-appell interpost huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi sommarjament miċħud bl-ispejjeż.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi s-soċjeta` rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li ma ġġeddidx il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni ta' 1479 *e-kickscooters* operati minnha sabiex b'hekk ma setgħux jibqgħu jiġu operati wara l-1 ta' Jannar 2024. Illi permezz ta' rikors separat is-soċjeta` rikorrenti qiegħda timpunja deċiżjoni tal-Awtorita` intimata li ma ġġeddidx il-liċenzja ta' operatur tagħha għar-rigward tal-imsemmi negozju.

**Roberto Antonio Pestana De Faria**, direttur tas-soċjeta` rikorrenti, xehed illi kull sena kienu jġeddu l-liċenzji neċessarji ma' Transport Malta biex joperaw in-negozju ta' kiri ta' *e-kickscooters*. Spjega li minn meta sema' li l-Gvern kien se jiprojbixxi l-kiri ta' *e-kickscooters* huwa beda jipprova jinforma ruħu u talab ukoll laqgħat ma' persuni responsabbli ġewwa Transport Malta. Madanakollu ħadd ma tah risposta sakemm wasal biex iġedded il-liċenzja u għalhekk fl-4 ta' Diċembru 2023 mar ġewwa l-uffiċini tal-Awtorita` intimata sabiex iġedded il-liċenzja ta' operatur. Il-persuna li tkellem magħha, ċerta Josephine Camilleri, infurmatu li ma kinitx taf tistax iġġeddidlu l-liċenzja jew le, u għalhekk qaltlu li kellha tkellem lid-direttur Brian Farrugia u baqgħu li kellha tkellmu lura.

L-għada, 5 ta' Diċembru 2023, għaddiet il-liġi li permezz tagħha ġie projbit il-kiri tal-*e-kickscooters* pero` hu ma kienx jaf li għaddiet l-istess liġi. Fis-6 ta' Diċembru 2023 ċemplitlu s-Sinjorina Camilleri u nfurmatu li setgħu iġeddulu l-liċenzja ta' operatur sal-31 ta' Marzu 2024. Huwa għalhekk mar l-uffiċini tal-Awtorita` intimata u sab li kienu lestewlu l-liċenzja mġedda sal-aħħar ta' Marzu. Għalhekk huwa staqsa għaliex il-liċenzja kienet ġiet imġedda biss sal-aħħar ta' Marzu 2024 u hi qaltlu li kienet għaddiet il-liġi. Huwa talabha biex jara l-liġi u hi infurmatu biex ikellem lill-avukat tas-soċjeta` rikorrenti. Huwa staqsiha wkoll kif se jagħmel dwar l-assikurazzjoni siccome` din tkun tkopri sena sħiħa. Hija nfurmatu li kellu jitkellem mal-assigurazzjoni tiegħu. Spjega li fis-7 ta' Diċembru 2023 huwa reġa' mar fl-uffiċini ta' Transport Malta flimkien mal-avukat tiegħu u tawh kopja tal-liġi. Huwa stqarr li Brian Farrugia bagħatlu wkoll emejl b'sommarju tal-liġi.

Is-Sur Pestana De Faria stqarr li d-ditta tal-assigurazzjoni ma kellhiex problema biex tassigura l-*e-kickscooters* sal-aħħar ta' Marzu 2024 pero` riedu l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

In kontro-eżami, ix-xhud wieġeb illi qabel ma għaddiet il-liġi huwa kien sema' fl-aħbarijiet dwar il-projbizzjoni li l-Gvern kien beħsiebu jimplimenta. Spjega li pero` l-*press release* li ħareġ il-Ministru kienet bil-Malti pero` kellha *coverage* fil-*media* bl-Ingliż.

**Joe Cremona**, direttur tas-soċjeta` Peak Insurance Brokers, xehed li meta wieħed jiġi biex iġedded assikurazzjoni u liċenzja, din trid issir għal tnax-il xahar. Pero` siccome` fil-każ in kwistjoni, l-liċenzji kienu se jiġu mġedda sal-aħħar ta' Marzu, huwa staqsa lis-Sur Pestana biex jistaqsi lill-Awtorita` intimata jekk jagħtuhx konċessjoni li jġeddulu l-*operating licence* sa Marzu 2024 u hu min-naħa tiegħu jirranġalu dwar l-assikurazzjoni sabiex din tkun *pro rata.*

In kontro-eżami, is-Sur Cremona xehed illi huwa ma setax iġedded il-liċenzji tal-*e-kickscooters* għal tliet xhur sakemm Transport Malta ma taċċettax u tagħti konċessjoni. Spjega li huwa kiteb ukoll lil Transport Malta dwar din il-kwistjoni pero` baqa' bla risposta. In oltre spjega li peress li l-*operating licence* ħarġet biss għal tliet (3) xhur huwa ma setax joħroġ assikurazzjoni fuq l-*e-kickscooters* għal perjodu itwal.

**Brian Farrugia,** Direttur mal-Awtorita` intimata, spjega li Transport Malta kienet lesta li toħroġ il-liċenzji taċ-ċirkolazzjoni tal-*e-kickscooters* sal-aħħar ta' Marzu 2024. Spjega li operatur ieħor kien aċċetta li jġġeddulu l-liċenzja sa Marzu 2024 u fil-fatt kien baqa' jopera. Fuq mistoqsija tad-difensur tar-rikorrent, is-Sur Farrugia stqarr illi huwa personalment qatt ma kien informa lis-Sur Pestana li seta' jġedded il-liċenzji sa Marzu 2024 peress li kien bil-*leave,* pero` impjegati ta' Transport Malta kienu nfurmawh b'dan.

**Josephine Camilleri,** uffiċjal tal-Awtorita` intimata, xehdet illi hi kellha struzzjonijiet mingħand is-superjur tagħha illi l-liċenzja ta' operatur ta' *e-kickscooters* kellha tiġġedded sa Marzu 2024.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi s-soċjeta` rikorrenti kienet topera fil-qasam tal-*e-kickscooter sharing* u dana ai termini tal-liċenzja ta' operatur maħruġa favur tagħha skont il-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.67 (Regolamenti dwar il-Mikromobilita`) li ġew fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru 2019. Jirriżulta illi s-soċjeta` rikorrenti kienet iġġedded kull sena kemm il-liċenzja ta' operatur u wkoll il-liċenzji taċ-ċirkolazzjoni tal-imsemmija *e-kickscooters* sakemm meta ġiet biex iġġedded l-istess liċenzji f'Diċembru 2023 sabet diffikulta' peress li fil-5 ta' Diċembru 2023 daħal in vigore l-

Avviż Legali 275 tal-2023 li kien jistipula li mill-31 ta' Marzu 2024 il-kiri ta' *e-kickscooters* kien se jkun ipprojbit. Kien għalhekk li l-Awtorita` intimata ma ġedditx il-liċenzji għal tnax-il xahar iżda biss sal-31 ta' Marzu 2024.

Illi rinfaċċata b'dan kollu, s-soċjeta` rikorrenti ressqet erba' aggravji mid-deċiżjoni u l-aġir tal-Awtorita` intimata.

Illi t-Tribunal irid jagħmilha ċara mill-ewwel illi huwa m'għandux kompetenza jissindika xi liġi partikolari, imma għandu kompetenza jirrevedi deċiżjonijiet u aġir amministrattiv u jissindika jekk dawn sarux skont il-liġi *in vigore* u fil-parametri ta' amministrazzjoni tajba.

Illi l-ewwel aggravju jitratta dwar allegat aġir leziv tad-drittijiet fundamentali hekk kif protetti mill-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana peress li s-soċjeta` rikorrenti tallega li ma ngħatatx smigħ xieraq. Illi kif ingħad diversi drabi f'sentenzi oħra, dan it-Tribunal m'għandux kompetenza, bħal ma għandhom il-qrati ordinarji, li jesprimi ruħu u jiddeċiedi dwar vjolazzjonijiet ta' din in-natura.[1] Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Illi t-tieni u t-tielet aggravju jitrattaw dwar ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali in kwantu qed jiġi allegat li d-deċiżjoni u l-aġir tal-Awtorita` intimata huma malizzjużi, frivoli, vessatorji, mhux ekwi u ġusti, u li per di piu` s-soċjeta` rikorrenti ma ngħatatx smigħ xieraq qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni appellata.

Illi kif ġie riportat iktar 'il fuq, fil-5 ta' Diċembru 2023 daħal *in vigore* l-Avviż Legali 275 tal-2023 fejn, fost affarijiet oħra, ipprojbixxa l-kiri ta' *e-kickscooters* wara l-31 ta' Marzu 2024. Illi għaldaqstant l-Awtorita` intimata, li hija r-Regolatur fil-qasam tat-trasport, ħadet dawk il-miżuri biex ma ġġeddidx liċenzji ta' operatur u liċenzji taċ-ċirkolazzjoni oltre l-imsemmi terminu.

Illi għalkemm id-direttur tas-soċjeta` rikorrenti kien sema' mill-*media* li kien se jkun hemm projbizzjoni tal-kiri ta' *e-kickscooters*, ma jirriżultax illi qatt ġie infurmat formalment b'dan il-kambjament mill-Awtorita` intimata. It-Tribunal jinnota li minkejja li s-Sur Pestana jistqarr li kien kiteb diversi emejls qabel ma nqalgħat il-kwistjoni f'Diċembru 2023, mill-provi ma tirriżulta ebda emejl li tirrisali għal qabel l-imsemmi perjodu. L-emejls li hemm esebiti in atti jibdew mis-6 ta' Diċembru 2023 'il quddiem, u ċioe`

[1] Eugene Cardona vs L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta maghrufa wkoll bhala Transport Malta (11 ta' Mejju 2015 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Marzu 2018)

wara li s-Sur Pestana mar ġewwa l-uffiċini ta' Transport Malta fl-4 ta' Diċembru 2023 u ma ġietx imġedda l-liċenzja ta' operatur, u jibqgħu għaddejjin sat-18 ta' Diċembru 2023.

Permezz ta' emejl datata 7 ta' Diċembru 2023 is-Sur Brian Farrugia informa lis-Sur Pestana illi sussegwenti għall-avviż tal-Gvern tad-19 ta' Ottubru 2023 u bi tħaris tal-Avviż Legali 275 tal-2023, l-Awtorita` kienet qed tinformah illi l-liċenzja ta' operatur kienet se tiġi mġedda sal-31 ta' Marzu 2024. Fit-12 ta' Diċembru 2023 is-Sur Pestana staqsa lis-Sur Farrugia jekk l-Awtorita` intimata kinitx qed tawtorizza lill-assikurazzjoni toħroġ polza għal tliet xhur. Fit-13 ta' Diċembru 2024 intbagħat *reminder,* kif ġara wkoll fl-14 ta' Diċembru 2024 da parti tas-Sur Joe Cremona. Fit-18 ta' Diċembru 2023, is-Sur Cremona reġa' bagħat emejl oħra jissolleċita lis-Sur Farrugia jagħtih tweġiba stante li l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni u l-assikurazzjoni kienu se jiskadu. Madanakollu ma jirriżultax li kien hemm xi tweġiba għal dawn l-emejls. Pero`, s-Sur Farrugia stqarr illi l-uffiċjali tal-Awtorita` intimata kienu nfurmaw lis-Sur Pestana li setgħu iġeddulu l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni għal tliet xhur.

Illi jirriżulta, pero`, li kien hemm problema biex id-ditta tal-assikurazzjoni tipproċessa l-liċenzji la darba dawn kienu se jkunu limitati għal tliet xhur u mhux għal tnax-il xahar. Dwar dan kien hemm bżonn l-intervent tal-Awtorita` intimata li pero` ma jirriżultax li aġixxiet biex issolvi l-kwistjoni. Minħabba f'hekk il-liċenzji taċ-ċirkolazzjoni baqgħu ma tħallsux mis-soċjeta` rikorrenti.

Illi filwaqt li t-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata ċertament kellha toffri iktar għajnuna u sostenn, speċjalment biex tissolva l-problema tal-liċenzji ta' ċirkolazzjoni mal-assikurazzjoni, madanakollu ma jsib illi kien hemm xejn malizzjuż, frivolu u vessatorju fid-deċiżjoni tagħha li ġġedded il-liċenzji ta' ċirkolazzjoni sal-aħħar ta' Marzu 2024. Mod ieħor ma setgħetx tagħmel in vista tal-Avviż Legali 275 tal-2023. Filwaqt li t-Tribunal jifhem il-frustrazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti li fi ftit xhur sabet ruħha f'diffikulta` biex tkompli topera n-negozju tagħha, li fih naturalment investiet ammont sostanzjali ta' kapital, madanakollu ma jistax jingħad illi l-projbizzjoni tal-kiri ta' *e-kickscooters* ġiet fuqha għall-għarrieda. Pero`, t-Tribunal huwa wkoll tal-fehma, illi kien ikun ferm aħjar kieku l-Awtorita` intimata, qua Regolatur fis-settur, infurmat lid-diretti interessati formalment bl-intenzjonijiet tal-Gvern, iktar u iktar meta f'dan il-każ kien hemm biss żewġ operaturi joffru s-servizz ta' kiri ta' *e-kickscooters*. Madankollu, kif diġa ingħad, it-Tribunal ma jsibx illi l-Awtorita` intimata ħadet id-deċiżjoni tagħha b'mod abuziv jew inkella li aġixxiet b'mod mhux korrett fil-konfront tas-soċjeta` rikorrenti meta ġiet biex iġġedded il-liċenzji taċ-ċirkolazzjoni.

Illi lanqas ma dan it-Tribunal iqis illi s-soċjeta` rikorrenti kellha tingħata xi smigħ qabel ġie fis-seħħ l-Avviż Legali 275 tal-2023. Illi ma jirriżultax illi bejn id-19 ta' Ottubru 2023, meta allegatament ħarġet l-istqarrija ministerjali tal-Ministru tat-Trasport dwar il-projbizzjoni, is-soċjeta` rikorrenti irreaġixxiet għal tali stqarrija jew inkella pprotestat mal-Awtoritajiet konċernati. Kwindi ma jistax jasal Diċembru 2023 u tmur biex iġġedded il-liċenzji u tgħid li kienet sorpriża b'dan l-iżvilupp jew inkella timputa xi nuqqasijiet fil-mod kif aġixxiet l-Awtorita` intimata meta kienet disposta li iġġedded il-liċenzji sal-aħħar ta' Marzu 2024.

Illi permezz tal-aħħar aggravju s-soċjeta` rikorrenti tisħaq illi ma hemm ebda raġuni valida fil-liġi u li ma tiksirx id-drittijiet ċivili u drittijiet fundamentali tagħha li tintitola lill-Awtorita` intimata ma ġġeddidx il-liċenzja ta' ċirkolazzjoni. Illi filwaqt li dan it-Tribunal, kif ġia qal iktar 'il fuq, mhux se jippronunzja ruħu dwar lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, iqis illi, kuntrarjament għal dak sostnut mis-soċjeta` rikorrenti, l-Awtorita` intimata kellha kull raġuni valida fil-liġi li ma ġġeddidx il-liċenzji ta' ċirkolazzjoni oltre l-31 ta' Marzu 2024 u kwindi ma jsib li kisret ebda dritt ċivili tas-soċjeta` rikorrenti.

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti iqis illi l-aggravji kollha mressqa mis-soċjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jiċħad l-appell tas-soċjeta` rikorrenti u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata u għalhekk qiegħed jikkonferma d-deċiżjoni u l-aġir tal-Awtorita` intimata in konnessjoni mal-liċenzji ta' ċirkolazzjoni.

Bl-ispejjeż a karigu tas-soċjeta` rikorrenti.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**